**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 684/2021 LC

**AUSTIN PSAILA (K.I. 0780747M)**
**ANTHONY PSAILA (K.I. 0079853M)**
**ANNA MARIA ROSSI (K.I. 0517654M)**
**JOSEPH PSAILA (K.I. 0041449M)**
**PHILIP PSAILA (K.I. 458357M)**

*vs*

**JASON CALLEJA**
**(K.I. 497071M)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2022**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ta Austin Psaila, Anthony Psaila, Anna Maria Rossi, Joseph Psaila u Philip Psaila datat id-29 ta' Settembru 2021 fejn, għar-raġunijiet u hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Jason Calleja huwa l-inkwilin tal-fond 43, Triq Santa Margerita, Sliema ai termini u applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-

Oridinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

II. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata Jason Calleja li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti Dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwixxuhom;

III. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond 43, Triq Santa Margerita, Sliema fl-1 ta' Jannar 2021 u sabiex jekk ikun il-każ jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

IV. Jordna u jikkundanna lill-intimat Jason Calleja jibda jħallas tali kera kif awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

V. Jordna f'każ illi l-intimat Jason Calleja ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi li l-intimat jiġi permess żmien ta' sentejn sabiex il-fond 43, Triq Santa Margerita, sliema jiġi vakat, oltre li jħallas kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu fl-ammont li jiddetermina dan il-Bord.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni spettanti lir-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-intimat Jason Calleja fejn sommarjament eċċepixxa illi (i) huwa dejjem ottempora ruħu mal-liġijiet viġenti u dejjem ħallas il-kera fil-pront u b'hekk ebda responsabilita jew ħtija ma tista tiġo adebitata lilu; (ii) l-intimat lest li jagħmel it-test tal-mezzi; (iii) fl-eventwalità li l-Bord jawmenta l-kera, għandu jieħu kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-intimat; (iv) l-awment għandu jkun ferm inqas mit-2% massimu stabbilit mil-liġi; (v) il-Gvern ta' Malta għandu jagħmel tajjeb għal kwalsiasi awment tal-kera.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi għandhom jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom is-sidien uniċi tal-fond; (ii) l-atturi għandi jeżebixxu l-*causa mortis* tad-defunit awturi tagħhom (iii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ odjern, (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u (v) f'każ li l-inkwilina tissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-14 ta' Ottubru, 2021 l-intimat wettaq it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2022 ir-rikorrenti ppreżenta rapport peritali redatt mill-Perit Elena Borg Costanzi ppreżentat fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Austin Psaila et vs Avukat tal-Istat et** (Rik Ġur Nru 87/2020 GM) u l-partijiet iddikjaraw li qegħdin jistrieħu fuqu.

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid tal-kera tal-fond jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat huwiex l-inkwilin ta' dan l-istess fond.

Illi skont l-interpretazzjoni tar-riċerki rigward il-fond de quo redatta min-Nutar Dottor Matthew Agius data 3 ta' Mejju 2020,[1] jirriżulta illi l-fond de quo kien ġie akkwistat mill-awtur tar-rikorrenti Aristide Psaila tramite l-kuntratt ta' likwidazzjoni u diviżjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Gatt tat-2 ta' Diċembru 1958. Jirriżulta wkoll li Astiride Psaila ġie nieqes fis-17 ta' Novembru 1969 filwaqt li martu Mary Anne Psaila ġiet nieqsa fis-27 ta' Diċembru 2013. Illi skont din id-dikjarazzjoni, il-propjetarji tal-fond *de quo* huma r-rikorrenti ulied l-imsemmija Arisitide u Mary Ann Psaila.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontardiċi dan l-istat kif deskritt mil-interpretazzjoni msemmija u b'hekk il-Bord huwa sodisfatt li, għall-finijiet biss ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond de quo;

Ikkonsidra;

[1] Ara fol. 4 tal-atti proċesswali.

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-intimat jokkupa l-fond de quo ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan versu l-kera ta’ €221.16 fis-sena. Di più ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll sentenza datata it-3 ta’ Ġunju 2021 erogata mill-Qorti Ċivili, Prim’ Awla fl-ismijiet **Austin Psaila et vs l-Avukat tal-Istat et** (Rik Kost. Nru 87/20 GM) fejn dik il-Qorti rrikonoxxiet illi l-intimat de quo Jason Calleja huwa l-inkwilin tal-fond de quo u għaddiex sabiex jakkorda l-kumpens relattiv.

Illi b’hekk, abbażi ta din is-sentenza u dikjarazzjoni tar-rikorrenti, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimat huwa tassew l-inkwilin tal-istess fond.

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-inkwilin Jason Calleja ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(4) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(3) tar-Regolamenti msemmija.

B’hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimat inkwilin Jason Calleja **ma jeċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk, m’hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Perit Elena Borg Costanzi jirriżulta illi l-propjetà *de quo* tikkonsisti f'townhouse mibnija fuq tliet sulari. L-istruttura hija tradizzjonali magħmul b'xorok fuq travi tal-ħadid fuq ħitan tal-franka. Ħafna mix-xorok huma miksurin u qed jinżammu milli jaqgħu permezz tal-ħadid. Hemm ħtieġa li dawn ix-xorok jiġu mibdula.

Illi l-perit adottat il-comparison method sabiex tkun tista tasal għall-istima tal-propjetà u wara li qieset diversi fatturi u regolamenti, hi tal-opinjoni li l-valur tal-propjetà fis-suq liberu huwa ta' tliet mija u għoxrin elf Ewro (€320,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[2]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

[2] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' sitt elef u erba' mitt Ewro (€6,400) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi l-intimat Jason Calleja huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 43, Triq Santa Margerita, Sliema ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba, stante li t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni;

3. Jilqa' t-tielet u jiddikkjara illi l-kera tal-fond li jinsab f'43, Triq Santa Margerita, Sliema għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq;

4. Jilqa' r-raba' talba u jordna lill-intimat Jason Calleja, iħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata fl-ammont ta' sitt elef u erbgħa mitt Ewro (€6,400), u dan b'effett mid-data tal-lum, bħala d-data tas-sentenza;

5. Jiċħad il-ħames talba tar-rikorrenti, ossija dik għall-iżgumbrament tal-inkwilin, stante li jissodisfa l-kriterji tad-Dħul u tal-Kapital tat-test tal-mezzi.

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**